MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2014

Numru. 152/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**JASON GAUCI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Gauci, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 481373 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Fil-lejl ta` bejn id-19 u l-20 t'Awwissu 2009 ikkommetta serq ta` flus kontanti u oggetti ohra minn Sam Store, Triq l-isptar, Pieta`, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn ewro, tlett mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu tal-ewro

(€2,329.37) u bil-hin, ghad-detriment ta` Marco Saliba u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar tall fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€116.47) ghad-dannu ta` Marco Saliba u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

3. Akkuzat ukoll talli fil-lejl ta` bejn il-5 u s-6 t'Ottubru 2010 gewwa Hamrun, flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq ta` van tal-ghamla FORD bin-numru tar-registrazzjoni EAE 402 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn ewro, tlett mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta` George Zammit u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

4. Akkuzat ukoll talli nhar it-28 t'Ottubru 2010 flimkien ma` persuni ohra, ikkommetta serq ta` flus kontanti u oggetti ohra minn Marsa Pigeon Racing Club, Triq il-Farfett, Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn ewro, tlett mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) ghad-detriment ta` George Mifsud, Nicholas Cefai, il-kumitat u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjement hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu tal-ewro (€23.29) izda mhux iktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€116.47) ghad-dannu ta` George Mifsud, Nicholas Cefai, il-kumitat u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta` spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 264, 265, 267, 270, 271 (g), 325 (1) (b) (c) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Fir-rigward tal-piena dina l-Qorti tikkundanna lill-istess imputat sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-erba` (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti tordna l-imputat ihallas is-somma dovuta lill-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------